# FAMILJA

REBBIEGĦA 2018

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI



Ħarġa 01

FAMILJA
www.family.gov.mt
MFCS

## L-Editorjal—Wear, Were, Where

Merħba. Bi pjaċir nistedinkom għall-ewwel ħarġa tal-magazine 'Familja', l-ewwel pass minn kunċett ta' pakkett ta' servizzi u direzzjoni ġdida f'kuntest korporattiv Ministerjali.

Nistqarr, meta ħsibt dwar 'Familja', qabel kollox ma ftakart f'xejn għajr fi tliet kelmiet bl-Ingliż li jingħadu u jinstemgħu l-istess, iżda li fil-verita' jinkitbu u għandhom tifsira differenti minn xulxin; *Wear, Were,* u *Where...*

Hekk fuq l-istess linji, 'Familja' tista' tfisser terminoloġiji varji. Għalina li naħdmu fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali (l-istess isem tal-Ministeru diġa' hu biżżejjed) għandu tifsira wiesgħa. Però aktar minn hekk, xtaqt nagħti dawn l-eżempji...



**L-Ewwel Familja :** Il-familja għażiża tagħna. Il-mara, jew ir-raġel jew skont xi jkun il-kas u t-tfal, f'kuntest ta' familja nukleari. Pero' teżisti dik il-familja estiża li, jekk forsi mhux kulħadd għandu tal-ewwel, tat-tieni għandu żgur. Qed nitkellem dwar in-nanniet, zijiet, kuġini u aktar.



**It-Tieni Familija :** Aħna l-kbar niġu x-xogħol. Uliedna jattendu l-iskola. Huwa fatt li xi drabi l-ħin li ngħaddu fuq il-bankijiet tal-iskola meta nkunu żgħar u dak li ngħaddu fuq il-post tax-xogħol meta nikbru, aktarx ikun daqs jew aktar mill-ħin li ngħaddu fl-istess djarna. Hawnhekk pero' ma nkunux waħedna. Fl-iskola jkollna tfal oħra tamparna u mod ieħor fuq ix-xogħol.

**It-Tielet Familja :** Il-Ministeru tagħna huwa tal-Familja għaliex qabel xejn jikkonċerna l-interess tal-istess familja fil-veru sens tal-kelma. Aktar minn hekk però, dan il-Ministeru għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu numru ta' dipartimenti u entitajiet, ilkoll jikkontribwixxu bil-mod partikolari tagħhom lejn it-tisħiħ, il-bżonnijiet u l-protezzjoni ta' kull membru tal-istess familja, kif spjegajt fl-ewwel Familjia. Fuq kollox però l-istess Dipartimenti u entitajiet, huma stess jiffurmaw il-familja li fil-fatt hu dan l-istess Ministeru.




Nittama li kull membru, ġej minn waħda jew aktar minn dawn il-familji, iħossu tassew jagħmel parti minn din il-familja ħolistika li l-għan tagħha hu dak li tissalvagwardja l-interess ta' kull wieħed u waħda minnha u ta' dawk madwarna. Aktar tagħrif dwar din il-familja kbira u l-istruttura tal-funzjoni u l-operat tagħha jinkiseb mis-sit elettroniku tagħna; ***www.family.gov.mt***

*Qoxra ta' quddiem: Kristina Bonello*
*mal-familja ta' pjanti u fjuri li nsibu jsebbħu*
*l-entratura tal-Palazz tal-President f'Ħ'Attard.*

TONIO BONELLO
***Media Editor***
***Information & Communications Executive***
Corporate-Wide Media
& Communications MFCS



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

## Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

family.gov.mt

Foundation for Social Welfare Services

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

AWTORITÀ TAD-DJAR • HOUSING AUTHORITY

SOCIAL SECURITY

aġenzija sapport
persuni b'diżabilità

sedqa

SVP
Saint Vincent De Paul
long term care facility

Commissioner for Children

Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita'
Active Ageing & Community Care



V.18 VALLETTA
EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Ħajr

Din il-pubblikazzjoni setgħet tkun possibbli grazzi għal diversi kontributuri li ħadmu magħna fil-passat, kif ukoll oħrajn ġodda li bdew jingħaqdu magħna. Dan bil-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità kbira tkompli tissaħħaħ. Mhux biss fl-interess ta' kull impjegat tagħna u l-familja tiegħu/tagħha, pero' wkoll fl-istess interess nazzjonali.

Ta' dan, ħajr lil dawn is-sinjuri li se jkunu qed jikkontribwixxu f'din il-pubblikazzjoni. Ġentilment infakkar li l-magazine 'Familja' se jkun qed joħroġ bħala parti minn pubblikazzjoni bl-isem "SOLIDarjetà" liema rivisti se jkunu qed joħorġu ta' kull tlett xhur jiġifieri f'Marzu, f'Ġunju, f'Settembru u f'Diċembru rispettivament.

**Is-Sur Mark Musù**

*Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

**Is-Sur Anton Cesare**

*- Direttur tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija MFCS*

**Is-Sur Matthew Mangion**

*- Project Manager AACCD*

**Is-Sur Ronald Zaffarese**

*- Koordinatur tal-Anzjanità Attiva SVP*

Thank You

**Is-Sur Vincent Tonna**

*- Senior Social Worker u Edukatur*

**Is-Sur Tony Micallef**

*- Koordinatur PR Ċentru tat-Trasfużjoni tad-Demm*

**Is-Sur Alex Gobey**

*- Koordinatur tas-Servizz tal-Kura tad-Dementia AACCD*

**Is-Sinjura Sarah Cuschieri**

*- Uffiċjal Reġjonali fit-Taqsima Benefiċċji Mhux Kontributorji DSS*

**Is-Sinjura Remenda Grech**

*- Operations Manager, Aġenzija Appoġġ*

**Is-Sinjura Maria Mangion**

*- Service Area Leader, Domestic Violence Services, Appoġġ*

**Is-Sinjura Doris Zammit**

*- Xandara Veterana*

**Is-Sinjura Mary Grace Cassar**

*- Kriminoloġistá, Occupational Therapist*

**Is-Sinjura M'Christine Agius**

*- Impjegata fir-Residenza San Vinċez de Paule*

**Is-Sinjura Sandra Jackson**

*- Koordinattriċi għal Għawdex AACCD*



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

**MILL-UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI**

**MARK MUSÙ**
*Segretarju Permanenti*
*Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*



# Ħarsa lejn il-ħidma tal-Ministeru fl-ewwel xhur tas-sena

Tiskanta kif itir iż-żmien. U meta bniedem ikun mehdi f'xogħlu aktar il-ħin ma jaraħx għaddej. Ma naħsibx li waħdi nħoss hekk, għaliex f'ministeru kbir bħal tagħna x-xogħol ma jieqafx għal kull min jaħdem fih. Huma bosta fost il-popolazzjoni li jiddependu mill-impenn tagħna biex nagħtu kull forma ta' għajnuna – minn dik fi flus bħal pensjonijiet, għajnuniet soċjali u firxa wiesa ta' benefiċċji oħra għal servizzi ta' wens fost l-anżjani, persuni b'diżabilita' u familji vulnerabbli u bi problemi soċjali.

Biex wieħed jifhem aħjar il-firxa ta' dan l-impenn, fl-ewwel xahrejn tas-sena ħrigna ħlasijiet u benefiċċji socjali lil aktar minn kwart tal-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex. Fosthom kien hemm madwar 90,000 pensjonant; kważi 40,000 anzjan li għadhom jgħixu fi djarhom; aktar minn 40,000 familja li jirċievu *c-Children's allowance;* 'l fuq minn 33,000 li jieħdu l-għajnuna supplementari jew tal-mard, kif ukoll hidma ta' fejda fost l-anżjani fid-djar residenżjali u fil-komunita' kif ukoll b'risq persuni b'diżabilita'.

Fejn jidħlu pagamenti ta' benefiċċji dawn il-persuni jgawdu mill-ħidma sfieqa tad-Dipartment tas-Sigurta' Soċjali kemm fl-uffiċċju ewlieni f'Malta kif ukoll f'dawk distrettwali u f'Għawdex. Għad-dipartiment, Jannar u Frar iġibu magħhom xita ta' xogħol bit-tnehid tal-proċess biex jitwettqu mall-ewwel bosta mill-miżuri soċjali li jkunu tħabbru fil-baġit.

Ovvjament ix-xogħol jibqa għaddej fix-xhur ta' wara b'ħidma biex aktar miżuri jidħlu fis-sehh u fl-istess ħin jibda l-proċess biex ngħarblu, nikkonsultaw u nfasslu proposti ġodda biex isibu posthom fil-baġit li jmiss.

## Akkomodazzjoni Soċjali

Għall-Awtorita' tad-Djar, taħt it-tmexxija tas-Segretarjat Parlamentari għall-Akkomodazzjoni Soċjali, is-sena bdiet ukoll b'ritmu mgħaġġel minħabba l-għadd ta' miżuri mfassla fil-baġit u proġetti maħsuba biex tittaffa l-problema' tal-kirjiet u biex jitkattar l-istokk ta' proprjeta' għall-akkomodazzjoni soċjali.

IKOMPLI >



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

> MINN PAĠNA 5

Filwaqt li miexi ġmielu xogħol f'diversi lokalitajiet biex jinbnew *units* ġodda għall-akkomodazzjoni soċjali, għaddej il-proċess biex tinkera proprjeta' mill-privat taħt l-Iskema "Nikru biex Nassistu" u tnediet skema oħra biex permezz ta' għajnuna sa massimu ta' €25,000 sidien ta' postijiet battala jirrangaw il-proprjeta' tagħhom u wara jgħadduha lill-Awtorita' għall-għaxar snin biex tinkera.

F'Jannar sar ftehim mill-Awtorita' mal-Bank of Valletta dwar skema biex jingħata self għal xiri ta' djar minn koppji u persuni li ma jkunux jistgħu jieħdu self minħabba d-depożitu ta' 10%. Dan kien it-tieni ftehim tax-xorta tiegħu milhuq wara dak mal-APS. Bejniethom dawn mistennija jolqtu x-xiri ta' madwar 300 post.

Fl-istess waqt l-Awtorita' mill-ġdid wessgħet it-*thresholds* biex aktar persuni li jgħixu f'postijiet tal-kiri jibdew jibbenefikaw mis-sussudju tal-kera.

Fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Akkomodazzjoni Soċjali jinsabu fi stadju avvanzat il-konsultazzjonijiet u t-tħejjijiet biex tiġi ppubblikata *White Paper* dwar is-suq tal-kera bil-għan li jinħoloq qafas legali dwar il-kirjiet li jkun ġust, kemm mas-sid kif ukoll mal-kerrej.

## Persuni b'diżabilita'

Il-ħidma fil-qasam tal-persuni b'diżabilita' ma' taqta xejn lanqas. Tant li sikwit nisimgħu b'inizjattivi ġodda b'risq dawn il-persuni.

Waħda minn dawn tnediet fi Frar mill-Aġenżija Sapport fil-forma ta' proġett ko-finanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea li huwa mmirat biex jagħti taħriġ lill-persuni b'diżabilita', lill-familjari tagħhom, lil min iħaddem u professjonisti fis-settur biex titjieb l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilita' fid-dinja tax-xogħol. Magħruf bħala 'INK', il-proġett jaħseb biex dawn il-persuni jingħataw aktar ħiliet li jwittulhom it-triq biex isibu mpjieg u jintegraw fid-dinja tax-xogħol.

Proġett ieħor tal-Unjoni Ewropea huwa dak magħruf bħala 'REACH' li ser joffri servizzi u faċilitajiet biex jaqdu persuni b'diżabilita' u l-famijari tagħhom. Il-permessi tal-bini ħarġu u ser jiġi ffirmat ftehim bejn l-Awtorita' tal-Artijiet, il-Ministeru u l-Aġenżija Sapport.

Ċertament, iżda, f'dan il-qasam il-proġett ewlieni jibqa' dak tas-Soċjeta Ġusta mmexxi mis-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva. F'din il-ħolqa ta' djar fil-komunita' se tinfetaħ ukoll dalwaqt residenza f'Ħaż-Żabbar, bl-isem ta' 'Dar Ġiżimina', u li ser tilqa' fiha 8 persuni. Sadanittant inbeda l-bini ta' żewġt idjar oħra, fiż-Żurrieq u l-Qrendi; filwaqt li binja f'Baħar iċ-Ċagħaq ser tinbidel biex takkomoda persuni b'diżabilita'.

Ħidma oħra li nbdiet mill-Aġenżija Sapport hija dik biex jingħata bidu għat-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid tad-Dar Residenzjali u ċ-Ċentru għal Matul il-Jum f'Wied il-Għajn. Bħala l-ewwel pass qed isir ħidma biex jinstab post alternattiv fejn jiġu akkomodati r-residenti ta' dan il-kumpless.

IKOMPLI >



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

> MINN PAĠNA 6

### Ħarsien Soċjali

Aktar ma' jmur aktar is-servizzi li toffri l-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali permezz tal-aġenżji tagħha qed jiġu mfittxija biex jilqgħu għal sfidi ġodda u li qed jikbru fis-soċjeta'.

Biex tlaħħaq ma' dan, il-Fondazzjoni minn żmien għall-ieħor issaħħah u taġġorna s-servizzi tagħha u toħloq oħrajn biex tkun ta' għajnuna akbar fost familji u żgħażagħ vulnerabli.

Servizz ġdid huwa dak ta' *co-parenting* li għandu l-għan li jrawwem ġenituri li għaddew jew għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni jew divorzju b'ħiliet prattiċi fit-trobbija ta' uliedhom.

Il-programm huwa mibni biex il-ġenituri jgħinu lil uliedhom jifhmu aħjar il-proċess ta' separazzjoni, kemm b'mod emozzjonali u anke prattiku u jtejbu l-komunikazzjoni ma' uliedhom u mal-ġenitur l-ieħor.

Programm ieħor li beda fuq skala regulari wara perjodu ta' prova huwa dak li joffri għajnuna terapewtika preventiva lill-familji bi problemi komplessi, bħal vjolenza fil-familja, riskju ta' abbuż u problemi mentali.

Dan isir billi professjonisti mill-Fondazzjoni jmorru fid-djar biex jgħinu fuq bażi individwali. L-aktar familji li bħalissa qed jibbenefikaw huma dawk b'riskju li jittieħdulhom it-tfal u dawk li għandhom tfal taħt protezzjoni ta' Ordni tal-Ħarsien u mhux qed jgħixu aktar mal-familja. Bis-saħħa ta' dan is-servizz it-tfal ikunu jistgħu jibqgħu mal-familja tagħhom jew jerġgħu jmorru lura mal-familja naturali tagħhom.



Barra minn hekk, fost l-inizjattivi meħuda mid-Dipartiment għall-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali hemm dik li tolqot ir-reviżjoni tal-Istandards Nazzjonali għal Servizzi ta' Matul il-Jum għal persuni b'diżabilita' sabiex ikunu mxandra għal konsultazzjoni pubblika.

Saret ukoll analiżi tal-kummenti li twasslu f'konsultazzjoni pubblika dwar l-Istandards Nazzjonali għall-Proċess tal-Adozzjoni tat-Tfal.

Sadanittant biex jitqajjem għarfien dwar l-istandards għad-Djar Residenzjali u l-*Foster Care* ser tittella' *Open Day* li għalija ser ikunu mistiedna l-mexxejja tad-djar residenzjali, kif ukoll *carers*.

Beda wkoll ix-xogħol biex dan id-Dipartiment jinbidel f'Awtorita'.

IKOMPLI >



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

> MINN PAĠNA7



## Anzjani

L-inzjattivi b'risq l-anzjani ma jaqtgħu xejn. Fil-kumpless San Vinċenz de Paule għaddej xogħol kontinwu ta' rinnovar, rijabilitazzjoni u tisbiħ u qed tingħata dehra u ħajja ġdida lil dan il-kumpless li jissarraf ukoll f'kumdità akbar għar-residenti u l-impjegati.

F'Jannar intemmet l-ewwel fażi tal-proġett f'Rużar Briffa bil-ftuh ta' 3 swali ġodda li jilqgħu fihom 103 residenti u fi ftit ġranet oħra ser tinfetah taqsima ġdida tal-fiżjoterapija u l-ispazji fil-beraħ tal-madwar.

Il-pazjenti fis-swali San Ġuzepp 7 u 10 tqiegħdu f'oħrajn temporanji biex jingħata bidu għar-restawr tas-swali; u bdew it-tħejjijiet biex jitkompla l-proġett Rużar Briffa u tinbena spiżerija ġdida.

Filwaqt li miexi ġmielu l-bini tal-kċina, qed jiġu organizzati t*asting sessions* kull ġimgħa bil-parteċipazzjoni ta' grupp ta' residenti. L-għan huwa li r-residenti jkollhom *menu* skont ix-xewqat u l-għażliet tagħhom. Żvilupp ieħor b'risq ir-residenti huwa t-tniedija tal-proċess biex il-kumpless ikollu flotta ta' vetturi ġodda u aktar komdi.

Interessanti wkoll huma l-arranġamenti li saru biex permezz ta' sessjonijiet kliniċi żejda t-tobba ta' San Vinċenz ser jitrattaw mal-500 applikazzjoni fil-lista' ta' stennija għal kura fit-tul.

B'ħidma mid-Dipartiment għall-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunità bdiet topera dar oħra f'Raħal Ġdid biex tilqa' aktar minn 100 anzjan u anzjana fiha. Id-Dipartiment ukoll beda jixtarr kif issir il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal servizzi tal-anzjani bil-għan li jsir pjan ta' kura skont il-ħtiġijiet tal-individwu.

Sal-aħħar ta' Marzu ser jibda l-proċess biex, wara t-taqsima tas-*Social Workers*, il-kumplament tad-Dipartiment jiġi trasferit għal binja ġdida f'Ħal Qormi.

## Kelmtejn tal-għeluq

B'din il-kitba żammejt wiegħda li kont għamilt waqt seminar f'Novembru għall-impjegati tad-Dipartment tas-Sigurta' Soċjali, dik li perjodikament inwassal tagħrif dwar dak li jkun sar jew qed jitħejja fi ħdan il-ministeru. Huwa l-ħsieb li nkompli nagħmel dan permezz tal-publikazzjoni "Familja" li, bħala parti mill-pubblikazzjoni l-oħra tagħna "SOLIDarjetà", nawgura wkoll li tkun mezz biex l-impjegati jwasslu tagħrif u l-opinjonijet taghhom dwar dak li jkun qed iseħħ fid-Dipartimenti, entitajiet u t-taqsimiet tagħhom rispettivament.

Għalhekk filwaqt li nixtieq lilkom u l-familji tagħkom l-Għid t-tajjeb nagħmel appuntament ieħor magħkom għall-bidu tas-sajf.

Grazzi



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

DOMESTIC VIOLENCE - APPOĠĠ



MARIA MANGION
*Service Area Leader*
*Domestic Violence Services, Appoġġ*

***"And then it occurred to me that I was being abused whilst I was yearning so hard to be loved"***

## Domestic Violence and the services of FSWS

I am writing this article on Valentine's Day,the day when many of us celebrate the greatness of love but for some love hurts. I have been working within the Domestic Violence Services for a few years now and the suffering of some service users who crossed my path stays with me.

Some managed to walk away, others didn't and therefore, rather than focusing on the 'walking away' or on the 'why did she stay?' I want to spread a message of love… the message that most victims of domestic violence shared with me throughout these years… **love shouldn't hurt**.

It is heartbreaking to see various types of victims of family violence, some abused by spouses, others by partners, others by relatives or even by their own children. Different impact is felt by the victims, or wait, let me refer to them as survivors because each day they try very hard to contain and stop the violence.

These survivors ultimately want the abuse to stop and with great courage they come forward to our services asking for our support. Some with humbleness admit that they have been abusive and come forward to stop that abusive behaviour.



The Domestic Violence Services offered by Aġenzija Appoġġ FSWS cover a spectrum of services namely, the Domestic Violence Unit, the Managing Abusive Behaviour Services and Għabex Shelter.

NEXT PAGE >



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

FROM PAGE 9 >



The services are available for all irrespective of the gender, sex, age, race, ethnicity, social status and any other characteristics. The services operate on the basis of confidentiality and knowing this may put the mind of many at rest.

However, we also appreciate the fact that coming forward for help may be a challenge for some. Yet we still encourage anyone who requires assistance to reach out for help. Some may feel shame in seeking help fearing that they will be judged.

Our services operate through the values of non-judgmental attitude and therefore we are not here to judge but to support. It is worthwhile to mention that whenever possible and desired by the parties involved we work towards the preservation of the family and no service user will ever be forced into terminating any form of relationship. This is because our ultimate aim is that of stopping abuse.

In fact, we operate on the concept of zero tolerance to violence whilst exploring and finding ways with our service users that enable a healthy resolution of conflict and a life free of violence, control and manipulation.

In conclusion, I want to acknowledge that some are not in a position to realise that they are being abused because of various reasons and situations that makes it difficult for them to realise this matter.

However, no matter how many years go by, it is never too late to take action on that situation where one is being abused whilst one is yearning so hard to be loved. The help is there. We are here. For further support and information, contact Supportline 179 or 22959000.






V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018



# Sarah Cuschieri

## IL-PERSONALITÀ TA' FAMILY MAGAZINE

**MIN INT** : Jiena Sarah Cuschieri, xebba Polidano, kif ħafna jiftakruni fl-ewwel ġranet tiegħi f'dan id-Dipartiment (Sigurta' Soċjali). Għandi seba' u erbgħin sena u bqajt noqgħod Birżebbuġa.

Fil-fatt ngħix fl-istess triq li kont noqgħod fid-dar mal-ġenituri. Għalkemm tlett snin ilu ġarrejna ġo post ieħor, dan il-post ukoll qiegħed fl-istess triq. Attendejt l-iskola primarja ta' Birżebbuġa u wara mort l-iskola sekondarja fiż-Żejtun.

**XOGĦOL** : Kif spiċċajt l-iskola sekondarja bdejt naħdem ġewwa fabbrika f'Bulebel u wara ġo fabbrika f'San Ġwann. Fl-10 ta' Settembru tal-1990, bdejt naħdem fis-Settur Pubbliku u kien proprju f'dan id-Dipartment, fis-Sezzjoni tal-Korrimenti fuq ix-xogħol li dak iż-żmien kienet għadha fil-Belt. Għalhekk xi ftit minnkom jiftakkruni hawn ta' xi għoxrin nilgħab in-Netball mat-tim tad-dipartiment.

Ta' 27 sena kelli l-opportunita' li nkompli nistudja u ta' 30 sena gradwajt fis-*Social Work* mill-Universita' ta' Malta. Ma kienetx faċli naħdem u nistudja kif ukoll omm u mara tad-dar, iżda kienet esperjenza li ma ninsa qatt u nħeġġeġ lil kull min ikollu l-opportunita' li jistudja sabiex ma jaqtax qalbu.

Illum, 27 sena wara erġajt qed naħdem fl-istess Dipartiment, fis-Sezzjoni mhux Kontributorja, prinċiparjament fuq il-Benefiċċji tat-Tnaqqis Gradwali (UAT), Assistenza Soċjali (SA) u Għajnuna Soċjali lil dawk bi status ta' Protezzjoni Sussidjarja (SUA).

Darba fil-ġimgħa naħdem mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex naħdmu l-applikazzjonijiet tal-priġunieri li jkunu waslu biex jiskontaw is-sentenza. B'hekk jiġi evitat dewmien għall-benefiċċji.

**FAMILJA** : Aħna t-tnax il-wild tal-mibkija Emmanuel u Pawla Polidano neè Polidano. Fil-familja qegħdin għaxart 'ibniet u żewġ subien. Tlieta minna l-bniet emigraw l-Ingilterra filwaqt li ħuna l-kbir emigra lejn l-Awstralja.



Sitta minna ngħixu ġewwa l-istess raħal u waħda minn ħuti, Christine Sacco saħansitra taħdem miegħi fid-Dipartment, fl-Uffiċji Distrettwali. Meta kont naħdem f'Dipartiment ieħor inzertajt kont naħdem ma' oħti oħra. Tnax ftit diffiċli biex ma naħbtux f'xulxin!...

IKOMPLI >


V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

> IKOMPLI MINN PAĠNA 11

Għalkemm jiena ż-żgħira minn familja tant numeruża nametti li xorta kont il-fessuda ta' missieri. Meta kont żgħira kont nippreferi nkun fuq il-lantijiet tax-xogħol; bini, rabà u nġenji, milli d-dar ma' Ommi.



Meta kelli 33 sena tlift lil missieri u ħames xhur wara tlift ukoll l'ommi. Grazzi għall-valuri li rawmu fina ħallew familja kbira magħquda u llum l-hena tiegħi niltaqa' ma' ħuti għax iffakruni fil-ġenituri. Illum niltaqgħu 82 b'kollox (aħwa, żwieġna, it-tfal u t-tfal tat-tfal).

Jien u żewġi għandna żewġt 'itfal, Pamela ta' 22 sena, qed tistudja l-Bioloġija u għarusa lil Glenn.

Wara sitt snin kellna lil Andre li għandu 16 il-sena, jattendi l-iskola De La Salle u għandu n-namur tal-ajruplani. Wara l-iskola, Andre jattendi l-*Malta Sea Cadets* il-Kalkara.

**XOGĦOL U SPORT :** Jien u żewġi t-tnejn naħdmu *full-time*, iżda f'oqsma differenti. Filwaqt li jien ħdimt ħafna fil-qasam soċjali, żewġi ħadem dejjem fl-enġinerija. B'xorti tajba jien u żewġi naqsmu xi passatempi. It-tnejn li aħna nħobbu l-isport u n-natura. Kien hemm żmien fejn it-tnejn li aħna konna nilgħabu l-*badminton*. Dan iż-żmien inħobbu mmorru xi ġirja bir-roti fil-kampanja mat-tifel.

**IL-ĠIMGĦA U TMIEM IL-ĠIMGĦA :** Peress li uliedna t-tnejn għaddejjin bl-istudju, ħajjitna matul il-ġimgħa mix-xogħol għad-d-dar u viċi-versa. Fi tmiem il-ġimgħa naraw kif ikun it-temp u naddattaw ftit ħin rilassanti flimkien. Dan l-aħħar peress li t-temp mhux dejjem jippermetti, qattajna xi ħin naraw is-sensiela *The Crown*.

Sensiela titratta dwar il-familja Rjali u nirrikkomandha għax hija interessanti ħafna. Mhux l-ewwel darba li nqattgħu xi ftit ħin naqraw xi ktieb waqt li t-tfal ikunu qed jistudjaw. Dan l-aħħar għadni kemm spiċċajt s-sensiela ta' seba' volumi ta' Jeffrey Archer – *The Clifton Chronicles*. Fil-qilla tas-sajf m'hemmx aħjar minn xi għawma u ikla ħut tajba.

**SAFAR :** Jien u l-familja nħobbu nsiefru. Peress li għandi ħuti jgħixu barra, mhux l-ewwel darba li nqattgħu vaganzi flimkien. L-aktar pajjiżi li żort huma l-Ingilterra u l-Awstralja. Postijiet oħra li żort huma Sqallija, l-Italja, l-Awstrija, l-Isvizzera, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, Franza, Spanja, Brussel, il-Portugal, Teneriffe, il-Libja u Dubai.

**L-ISBAĦ PAJJIŻ HU :** L-Awstralja. Kontinent li jogħġobni mmens. Pajjiż li nixtieq inżur xi darba huwa l-Amerika, iżda meta nagħmel ħsieb li mmur fil-bogħod, nippreferi mmur l-Awstralja għax għad baqgħali ħafna postijiet x'nara f'dan il-kontinent, u anke ħafna familjari.

IKOMPLI >



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

MINN PAĠNA 12




**ŻMIEN SABIĦ** : F'ħajti kelli diversi. L-isbaħ jum ta' ħajti kien dakinhar tat-tieġ tagħna. Preparajna ħafna għalih u nizżi ħajr l'Alla kollox mar sew.

Iżżewiġna filgħodu fil-Knisja tal-Manikata u wara għamilna r-riċeviment il-Wardija. L-għada tlaqna lejn Teneriffe u l-Ingilterra. Kif jgħid il-Malti, 'il-ħajja nżul u tlajja!

**ŻMIEN DIFFIĊLI** : Kien meta l-ġenituri ġew nieqsa f'temp ta' ħames xhur. Żmien li biddilni xi ftit ukoll. Ħassejt xi tfisser tkun iltim. Iżda bqajt inżomm f'moħħi li rrid nibqa' ngħix kif xtaquni huma. Bl-għajnuna tal-familja, il-ħbieb u l-fidi erġajt bdejt inħares lejn il-ħajja b'mod pożittiv.

**ESPERJENZJI POŻITTIVI** : Dawk il-mumenti fejn kont ta' għajnuna għall-ħaddieħor, kemm fil-familja, ħbieb u l-pubbliku. Kien hemm żmien fejn kont nagħmel xogħol volontarju fid-djar tat-tfal tas-Sorijiet tal-Karità, id-Dar tal-Providenza u anke fil-lokal fejn noqgħod.

**JEKK TIRBAĦ** : Il-ħolma tiegħi hi li nwaqqaf dar ta' kenn għall-Adoloxxenti u Adulti li m'għandhomx fejn joqgħodu. Għalkemm hawn djar bħal dawn, kultant, aħna li għadna saqaf fuq rasna ninsew li hemm min m'għandux dan il-bżonn neċessarju, temporanjament. Xewqa tiegħi li nerġa' nimpenja ruħi f'xogħol volontarju f'Malta jew barra.

**PERSUNA MALTIJA LI TAMMIRA** : Il-Professur Edward De Bono. Malti li kieseb popolarita' Malta kif ukoll barra għat-teoriji tiegħu dwar il-*Lateral/Sideways Thinking* u t-*Thinking Hats*.

**PERSUNA BARRANIJA LI TAMMIRA** : Il-kantanta Jennifer Lopez, waħda mill-fundatriċi tal-*Lopez Family Foundation* fejn kantat fir-*Relay* ta' sapport lill-ommijiet u wlied. L-għaqda kienet imwaqqfa minn Nazzjonijiet Uniti bl-ghan li jiġu salvati 16 il-miljun omm u wlied sas-sena 2015. Dan għamlitu sabiex kull omm ikollha esperjenza ta' bidu tajjeb mal-wild tagħha, li fl-aħħar mill-aħħar dan jgħin sabiex ikun hawn soċjetà aktar b'saħħitha.



Jennifer Lopez


Prof Edward de Bono



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

## THE MIGRATION PROCESS

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

**MATTHEW MANGION**
*Project Manager*
*AACCD*



**During** the first week of January 18, the Social Worker Unit was transferred to Qormi Premises. With this move, all health professionals working in the community care are now working from one place thus making coordination of all health professionals more effective and efficient.

AACCD would like to thank all those involved in this smooth migration: all social workers, IMU, MITA, our maintenance staff and the transport service provider.

The tenders for the Airconditioning and Ventilation Systems for Level 1were evaluated and awarded to the cheapest offer complaint. The Airconditioning System was installed and completed during the month of January 18 while the ventilation system is in its completion stage.

Works on the ventilation system took longer than expected due to the fact that due to metal trunking and pipes blocking the way above the soffit, proved to be of a challenge to the contractor to install the ventilation system. All internal apertures manufactured in-house by AACCD maintenance staff were all installed.

All office desks were manufactured, assembled and delivered to Qormi Premises. Furniture units and cabinets are in their completion stage and first deliveries will commence during the first weeks of March 18. All furniture is being manufactured in-house by AACCD carpenter with the support of other maintenance staff.

Migration of all offices (except Contributions) will be transferred during the month of March 18. The migration plan of these offices was discussed with Mr Patrick Vella Director AACCD and approved.

AACCD appreciates the work of all those involved in the refurbishment and procurement of all items and services required for the new premises at Qormi. The work of all those who sat on the Evaluation Committees is also appreciated by AACCD.



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

## ANZJANITÀ ATTIVA SVP : LUQA



**RONALD ZAFFARESE**

*Koordinatur AAU*
*SVP*

## IL-PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET SVP
## MARZU : APRIL : MEJJU 2018

Merħba. Minn din il-paġna se nkunu qed inwasslu l-programm ta' attivitajiet għall-anzjani tar-Residenza San Vinċenz De Paule ibbażata fuq it-tlett xhur li jkunu ġejjin. Peress li qed inwasslu programm fit-tul jista' jkun li xi attivitajiet ma jkunux għadhom ġew skedati u allura ma jkunux qed jidhru fil-programm.

Minkejja dan qed nagħmlu minn kollox biex sal-aħħar data qabel din ir-rivista' tasal għandkom, inkunu kemm jista' jkun preċiżi dwar avvenimenti fuq ġewwa u fuq barra li jkunu se jsiru għalikom l-anzjani.

Bħas-soltu ninfurmaw li ta' kuljum fl-10.15 ta' filgħodu l-anzjani residenti jittieħdu l-knisja ta' SVP għall-Quddiesa. Kuljum ukoll wara nofsinhar, bi skeda jkunu offruti servizzi u attivitajiet diversi. Fost dawn, logħob tat-tombla, *board games, reminiscence,* qari, tpinġija, komunuikazzjoni, sport, mużika, ċinema, *crosswords, crafts,* u issa wkoll, *chair exercise.*

### MARZU 2018

03.03 > 10.00am > Ċinema fit-Teatru SVP bl-isem; Night At The Museum 2
07.03 > 11.15am > Ikla Alfresco fil-lokalità ta' B'Buġia
10.03 > 10.00am > Ċinema fit-Teatru SVP; Passion Of Christ
14.03 > 11.15am > Ikla Alfresco fil-lokalità ta' B'Buġia
18.03 > 09.30am > Purċissjoni tal-Passjoni fir-Residenza SVP
21.03 > 11.15am > Ikla Alfresco fil-lokalità ta' B'Buġia
24.03 > 10.00am > Ċinema Teatru SVP; Saturday Night Fever






Active For Life



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018



MINN PAĠNA 14

## ANZJANITÀ ATTIVA SVP : LUQA

### APRIL 2018

04.04 > 11.15am > Ikla Alfresco fil-lokalirà ta' B'Buġia
07.04 > 10.00am > Ċinema fit-Teatru SVP bl-isem; Jurassic Park
14.04 > 10.00am > Ċinema fit-Teatru SVP bl-isem; Sister Act
18.04 > 09.00am > Ħarġa sal-Buskett
22.04 > 09.00am > Ħarġa sal-Buskett
25.04 > 09.00am > Ħarġa sal-Buskett
29.04 > 09.00am > Ħarġa sal-Buskett




### MEJJU 2018

02.05 > 09.00am > Ħarġa sal-Buskett
05.05 > 09.00am > Ħarġa sal-Buskett
06.05 > 09.00am > Ħarġa sal-Buskett
09.05 > 09.00am > Ħarġa sal-Buskett
12.05 > 10.00am > Mother's Day Party fit-Teatru SVP
16.05 > 09.00am > Ħarġa sar-Rabat, Malta
17.05 > 09.00am > Mawra sal-X Tarzna
19.05 > 09.00am > Ħarġa sar-Rabat, Malta
20.05 > 09.00am > Ħarġa sar-Rabat, Malta
23.05 > 09.00am > Ħarġa sar-Rabat, Malta
26.05 > 07.00am > Ta' Pinu, Għawdex
28.05 > 09.00am > Mawra sal-X Tarzna
30.05 > 09.00am > Ħarġa sar-Rabat, Malta








## Kompetizzjoni bi Premju

## GĦAT-TFAL

Agendabookshop

*Kif intkom tfal?... Din is-sena l-belt kapitali Maltija, Valletta hija l-Belt Kulturali Ewropeja. Minħabba f'hekk, ħafna nies ġejjin minn madwar id-dinja qed jiġu jżuruna, kemm biex jaraw lil Malta, pero' wkoll biex jitpaxxew b'dak kollu li għandha x'toffri l-belt kapitali Maltija f'dik li hi storja, arti u kultura.*

*Li nixtiequ mingħandkom tfal hu dan. Iktbulna ftit suġġertimenti (mhux anqas minn tlieta) dwar kif taħsbu li l-belt kapitali Maltija u l-gżejjer ta' Malta u Għawdex jistgħu jidhru aħjar bil-għan lil aktar nies jiġu japprezzaw dak li aħna bħala pajjiż noffru. L-aħjar sett ta' suġġerimenti jidhru f'din il-paġna u t-tifel jew tifla rebbieħa se jingħata żewġt kotba sbieħ ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.*

*Ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail; anthony.a.bonello@gov.mt jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : Corporate-Wide Media & Communications : 4th Floor : Palazzo Ferreria : Triq ir-Repubblika : Valletta sa mhux aktar tard minn it-Tlieta 10 ta' April 2018.*



*kampanja*
**Aqra Ktieb**

## Kompetizzjoni bi Premju

## GĦALL- KBAR

*Kif intkom ħbieb?... Permezz ta' din l-ewwel edizzjoni tal-magazine, **'Familja'** qed tkun imnedija dimensjoni korporattiva ġdida għall-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali f'dawk li huma inizjattivi ġodda ta' informazzjoni, komunikazzjoni u strateġija. Fost dawn illum qed tkun imnedija l-**Kampanja Aqra Ktieb.***

*Dan bil-għan li aħna l-ġenituri nibdew aħna stess u nħajru lill-uliedna li tal-anqas darba kull ħmistax nkunu qrajna ktieb. Hekk nerġgħu nibdew kultura ta' qari li hu l-mezz kif il-bniedem itejjeb l-għarfien tiegħu u jissaħħaħ f'aspetti ta' ħsieb u kreattività.*

*Il-kompetizzjoni tal-lum hi din. Iktbulna ftit suġġertimenti (mhux anqas minn tlieta) dwar kif taħsbu li l-ambjent tax-xogħol tagħna jista' jitjieb, kemm għalina l-impjegati, pero' wkoll għal konsumatur li jagħmel użu mis-servizzi tagħna. L-aħjar suġġerimenti jidhru f'din il-paġna u l-persuna rebbieħa se tingħata żewġt kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.*

*Ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail; anthony.a.bonello@gov.mt jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : Corporate-Wide Media & Communications : 4th Floor : Palazzo Ferreria : Triq ir-Repubblika : Valletta sa mhux aktar tard minn it-Tlieta 10 ta' April 2018.*



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Kont Jien

F'għeluq l-20 sena mit-twaqqif tiegħu, id-"Drama Pageant Group, Ħal Qormi San Sebastjan" bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, bi pjaċir jippreżenta dramm tal-passjoni oriġinali u b'differenza "Kont Jien".

Dramm għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa mill-pinna  ta' Doris Zammit xandara u awtriċi veterana b'direzzjoni ta' Sebastian Aquilina, ċ-Ċerpersin tal-grupp.  Id-dramm ta' sagħtejn u nofs mimli spettaklu ta' dwal u kostumi  se jittella' fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali San Sebastjan Ħal Qormi.

"Kont Jien" jippreżentalna l-passjoni ta' Kristu minn fomm diversi karattri, Justus, iċ-ċenturjun, Ġuda, Kajfas, Pilatu,  li bl-aġir tagħhom jidhru li kienu kompliċi fil-mewt ta' Ġesù ..... inkluż aħna... int u jien!

It-Tlieta 27 u l-Erbgħa 28 ta' Marzu 2018, fit-8:00 ta' filgħaxija. Fuq iz-Zuntier tal-Knisja Parrokkjali San Sebastjan Ħal Qormi. Ibbukkja l-biljetti: fuq 99271027 jew 79092963 biex ma toħroġx diżappuntat.
















V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

*Meta?:*
17 ta' Marzu 2018
*Hin:*
10:00am-11:30am
*Fejn:*
Mosta, Active Ageing Centre:
Triq il-Kurat Schembri, Mosta

Nistiednu nies li qed jgħixu bi problemi ta' memorja u l-qraba tagħhom biex jattendu.

Dawk li huma interesatti jistgħu iċemplu fuq tel: 22589301

# MEMORY CAFE'

INGĦAQAD MAGĦNA

**Memory Cafe's joffru sapport, pariri, informazzjoni u attivatijiet għal nies li qed jgħixu bid-dimensja u dawk li jagħtuhom l-għajnuna.**

**Se jkun hemm ukoll te, cafe' u xi ħaġa żgħira tal-ikel.**





ATMOSFERA 'DEMENTIA-FRIENDLY'






V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018



## IL-PASSJONI TA' ĠESÙ MAT-TOROQ TAL-FAĊILITÀ GĦALL-KURA FIT-TUL SAN VINCENZ DE PAUL

**Data: Il-Ħadd 18 ta' Marzu, 2018**

09.15 am - Purċissjoni bil-vari li ser toħroġ mill-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù
11.00 am - Barka Sagramentali quddiem il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù
12.15 pm - Quddiesa fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù
03.00 pm - Quddiesa fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù

Eżerċizzi tar-Randan: Mit-Tnejn 19 ta' Marzu sal-Ġimgħa 23 ta' Marzu 2018
Ħin, Post u Predikatur: Waqt il-quddiesa tal-10.15 am fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù minn Fr Louis Farrugia
Tema: L-Akbar Imħabba

Nheġġu lil dawk kollha interessati sabiex iżuru wirjiet fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu f'dawn is-swali: St. Joseph Ward 4 (SJ4), Serenity 1, Pope John Paul Ward 1 (JP1), Pope John Paul Ward 2 (JP2)

SVP Saint Vincent De Paul

SVP - Kumitat Festi Ġimgħa l-Kbira

Dawk il-voluntiera li jixtiequ jieħdu sehem jew għal aktar informazzjoni ċemplu lis-Sur Charlie Sammut fuq ext. 2291 2292/2315



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018